31994R0754

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 754/94
tat-30 ta' Marzu 1994
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 535/94 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija l-aċċettazzjoni illi t-tagħrif li jorbot tat-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw jiġu invokati, skond id-dispożizzjonijiet f'Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja [3], għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi t-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu, rigward il-prodotti bin-Numri 1 u 4 fit-tabella mehmuża;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana, rigward in-Numri tal-prodotti 2, 3, 5, 6 u 7 fit-tabella mehmuża,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

It-tagħrif li jorbot tat-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2912/02 għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tal-10.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 68, tal-11.3.1994, p. 15.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika tal-Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott magħruf bħala qiegħ għall-grafika jew għad-diġitiżżazzjoni li jikkonsisti minn sistemazzjoni tal-plastik li jkun fih komponenti elettriċi u elettroniċi bħalma huma l-proċessuri, blokka ċatta b'ċirkwit stampat u sistema ta' ċirkwiti għall-*interfacing*. Il-wiċċ ta' fuqnett, li ż-żona attiva tiegħu hija madwar 28 ċm bi 28 ċ, hija mgħammra b'*menu overlay*. Il-blokka tiġi b'labra u hija magħquda permezz tal-fili dirttament ma' unità ċentrali tal-proċessar ta' magna awtomatika għall-proċessar ta' l-informazzjoni.	8471 92 80	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 5 (B) mal-Kapitolu 84, kif ukoll bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8471, 8471 92 u 8471 92 80.
2. Monitor tal-kulur b'tubu b'raġġ katodu ta' riżoluzzjoni qawwija ta' 35,5 ċm b'maskra tad-dell, dot pitch ta' 0,31 mm għall-pixels ta' l-istess kulur, adapter għall-mains u montaturi ta' ċirkwiti sabiex jiġu pproċessati s-sinjali RGB għall-*input* fil-*video* u sinkronomi (band tal-*video* wiesgħa 0 Mhz) u li jmexxi t-tubu ta' l-istampa tar-riproduzzjoni tat-testijit u l-grafika bħala parti mis-sistemi ta' l-EDP u sistemi oħra tal-proċessar ta' l-informazzjoni. Il-monitor mhux kapaċi jirriproduċi dehra bil-kulur minn sinjal kompost tal-*video*.	8471 92 80	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 5 (B) mal-Kapitolu 84, kif ukoll bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8471, 8471 92 u 8471 92 80.
3. *Modem* li jaħdem bil-batteriji li jkun qiegħed f'sistemazzjoni tal-qies 10,2 × 6,1 × 2,5 ċm b'erba' *LEDs* li jindikaw l-istat tas-sejħiet, il-veloċita, il-frekwenza tat-trasportatur u l-ħela tal-batterija. Il-*modem* għandu wkoll konnettur ta' l-informazzjoni, konnessjonijiet bit-telefon, konnessjoni ta' *coupler* akustiku u jack ta' telefon fil-minjatura standardizzat. Il-*modem* jintuża għat-trasmissjoni asinkronika ta' l-informazzjoni bejn it-tagħmir tal-proċessar awtomatiku ta' l-informazzjoni permezz tal-linji tat-telefon fil-mod ta' *coupler* sħiħ akustiku u *duplex* bil-veloċità ta' 300 jew 1 200 bit kull sekonda.	8517 40 00	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3 (ċ) u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 5 mal-Kapitolu 84 u man-nomenklatura magħquda kif ukoll it-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8521, u 8521 90 00.
4. Sistema *multi-medja* interattiva f'sistemazzjoni waħda (43,8 × 31,75 × 9,4 ċm), kapaċi li tirriproduċi fuq *monitor*, il-*loudspeakers* jew il-*headphones*, l-informazzjoni bl-awdjo, bil-grafiċi, bit-test u bil-*video* rreġistrati fuq *compact disk* (CD). Kontroll mill-bogħod *infra-red* għall-funzjonijiet awdjo u *video* speċjali ta' l-unità tagħmel parti mis-sistema. Permezz taż-żieda ta' aċċessorji oħra (p.e. *disk drive*, tastiera u *mouse*), jista' jintuża bħala kompjuter personali. Is-sistemazzjoni tikkomprendi l-komponenti li ġejjin: — blokka b'ċirkwit stampat, li tinkludi unità tal-proċessar diġitali (CPU, 1 MB RAM, u S12 KB ROM), komponent tal-*video*, komponent tal-ħoss bl-unità tiegħu nnifsu ta' awdjo bis-CD, u — *CD-ROM* (għar-riproduzzjoni ta' l-informazzjoni, il-ħoss u l-istampa minn 5 & Prime; il-*compact disks* biss). Is-sistema hija kapaċi tipprovdi madwar 70 minuta ta' mużika ta' fedeltà qawwija u grafiċi ta' riżoluzzjoni għolja jew baxxa. Il-kapabbiltà tar-riproduzzjoni bil-*video* tad-dehriet statiċi ta' tul taż-żmien massimu ta' madwar ħames minuti.	8521 90 00	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 5 mal-Kapitolu 84 tan-nomenklatura magħquda kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8521 and 8521 90 00.

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika tal-Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
5. Sistema ta' CD interattiva f'sistemazzjoni waħdanija għar-riproduzzjoni ta' l-istampi u l-ħoss irreġistrati diġitalment għat-televiżjoni permezz ta' sistema tal-qari ottikali bil-laser. Hija fornita b'*mouse* u unità ta' kontroll mill-bogħod infra-red. Fiha unità tal-kontroll li tipproċessa sinjali mill-unità li ddoqq, mill-kontroll mill-bogħod jew mill-unità tal-*mouse*, għal ma' l-unità tal-wiri tat-televiżjoni u l-*loudspeaker*, hekk li jippotenzjalizza l-interazzjoni ma' l-istampa u mal-ħoss.	8521 90 00	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, Nota 5 mal-Kapitolu 84 tan-nomenklatura magħquda kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8521 and 8521 90 00.
6. Il-komponenti ta' l-apparat tal-konferenzjar bir-radjo' mhux ippreżentat flimkien għall-bejgħ bl-imnut f'pakkeġġ wieħed li jikkonsisti fi:		
(a) mikrofonu trasmettitur li jikkomprendi apparat sensittiv ħafna tat-trasmissjoni għall-komunikazzjoni bir-radjo b'mikrofonu mibni minn ġewwa, u *aerial*; u	8525 10 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8525, 8525 10, 8525 10 90, 8527, 8527 90 u 8527 90 99.
(b) riċevitur jew iktar li jkun fihom apparat riċevitur għall-komunikzzjonoi bir-radjo b'modulu tal-frekwenza u *socket* sabiex jitwaħħlu ma' apparat tal-għajnuna tas-smigħ, sewwa jekk jinkorpora mikrofonu direzzjonali u sewwa jekk le.	8527 90 99	Il-klassifika taħt l-intestatura 9021 hija prekluża għaliex l-oġġetti mhumiex ikkunsidrati li huma ddisinjati esklussivament bħala apparat tal-għajnuna tas-smigħ jew bħala aċċessorju ta' apparat tal-għajnuna tas-smigħ fit-tifsira ta' l-intestatura.
7. Monitor tal-video bil-kulur kapaċi jirriproduċi dehra tal-kulur minn sinjal kompost tal-*video*, b'tubu tar-raġġ katodu ta' 33 ċm, *mains adapter*, dħul tas-sinjali bil-*loudspeaker* (*video*, awdjo) u muntaturi taċ-ċirkwiti sabiex jipproċessaw is-sinjali tad-dħul *video*/awdjo u sinkronomi u li jħaddem it-tubu ta' l-istampa (dot pinch 0,64 mm) u l-*loudspeaker*. Il-*monitor* huwa ddisinjat sabiex jirriproduċu dehriet u dellijiet statiċi jew animati li jsegwu mill-konnessjoni bil-fil mal-kompjuters, il-*video* recorders, l-apparat li jdoqq id-diski tal-*video* jew sorsi oħra ta' stampi.	8528 10 31	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8528, 8528 10 u 8528 10 31.